# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' Ottubru 2018**

**Kawza Numru : 22**
**Rikors Guramentat Numru : 1179/2015/LSO**

**Il-Koordinatur Nazzjonali tal-Agenzija Programmi tal-Unjoni Ewropea**

**vs**

**Steven Attard, Detentur tal-Karta tal-Identita` Numru 599282M**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tal-Koordinatur Nazzjonali tal-Agenzija Programmi tal-Unjoni Ewropea ta' Continental Business Centre, Old Railway Track, Santa Venera datat 14 ta' Dicembru 2015 fejn bir-rispett u bil-gurament, Ms. Doreen Camilleri (Karta tal-identita` Numru 438561M) iddikjarat u kkonfermat il-fatti li taf bihom personalment: -

Illi l-Agenzija esponenti, li giet stabbilita permezz tal-Legislazzjoni Sussidjarja 327.316, tiehu hsieb numru ta' programmi li jkunu jistghu jigu ffinanzjati b'fondi mill-Unjoni Ewropea;

Illi l-intimat f'isem *Europe Experience Malta* kien issottometta applikazzjoni lill-Agenzija esponenti sabiex jippartecipa fil-Programm *'Youth in Action'* fi hdan it-Taqsima tal-Programmi tal-Unjoni Ewropea permezz ta' progett li permezz tieghu kienu ser jigu hamsa u erbghin zaghzugh u zaghzugha hawn Malta;

Illi ghal dan il-ghan, nhar is-6 ta' Marzu 2008 kien gie ffirmat Ftehim bejn il-Europe Experience Malta u l-Agenzija, permezz ta' liema ftehim l-intimat intrabat b'mod ufficjali mal-klawsoli kollha mnizzla fih;

Illi l-problemi nqalghu lejn l-ahhar tal-progett tal-intimat f' dak li jirrigwarda r-rapport finali. F'dan ir-rapport finali kien hemm dettalji importanti neqsin u minkejja tliet estensjonijiet, ir-rapport kif mitlub mir-rikorrenti baqa' ma wasalx sad-data finali ghal dan il-progett;

Illi r-rapport kif mitlub wasal biss f'Mejju tal-2011, jigifieri, meta l-estensjonijiet moghtija mill-Agenzija kienu ilhom li skadew u fi zmien meta l-Agenzija ma setghet qatt tirkupra dawn il-fondi minghand il-Kummissjoni Ewropea ghaliex kien tard wisq u kien ghalhekk li l-Agenzija mxiet skont il-procedura li hi marbuta li ssegwi u cioe` li meta jkun hemm rapport finali li ma giex konkluz, id-*debit note* tohrog fuq il-progett finali kollu;

Illi konsegwentement, minkejja li l-Agenzija tat lill-intimat bizzejjed zmien sabiex ittejjeb is-sitwazzjoni tieghu, l-intimat xorta ma aderixxiex mat-termini tal-Ftehim u ghalhekk ghandu jhallas is-somrna ta' €18,526.17 **(tmintax-il elf, hames mija u sitta u ghoxrin ewro u sbatax-il centezmu)** liema somma ghadha dovuta minkejja diversi interpellazzjonijiet. Tajjeb jinghad ukoll li kienu nbdew proceduri bl-artikolu 466 tal-Kap. 12 (rikors numru 146/2014AE), fejn gie deciz li t-talba maghmula bl-ittra ufficjali tal-31 ta' Jannar 2014 *ai termini* tal-artikolu 466 hija nfondata - liema sentenza bl-ebda mod ma timplika li l-Agenzija ma tkunx tista' tharrek lir-rikorrent sabiex jigi kkundannat ihallas l-ammont pretiz;

Illi ghalhekk, l-esponenti ma kellhiex ghazla ohra hlief li tintavola dawn il-proceduri;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti qed titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex :

1. Ghall-finijiet ta' speditezza, jigu allegati l-atti tal-kawza fl-ismijiet premessi deciza nhar it-28 ta' Lulju 2014 (rikors numru 146/2014AE);

2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimat huwa responsabbli ghall-ksur tal-Ftehim u ghalhekk tikkundanna lill-intimat ihallas is-somma dovuta lir-rikorrenti u cioe` s-somma ta' €18,526.17 (tmintax-il elf, hames mija u sitta u ghoxrin ewro u sbatax-il centezmu).

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittri ufficjali kollha mibghuta lill-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-11 ta' Frar 2016.

Rat ir-risposta guramentata tal-Avukat Dr Cedric Mifsud detentur tal-Karta tal-Identita' numru 196979(M) a nom u in rapprezentanza ta' Steven Attard detentur tal-Karta tal-Identita' Numru 599282(M) datata 14 ta' Settembru 2016 (fol 75) fejn espona :

1. Illi ma huwiex minnu illi min-naha tieghu l-intimat ma osservax il-klawsoli tal-ftehim iffirmat bejn il-Europe Experience Malta u r-rikorrenti *stante* illi huwa pprezenta r-rapport finali nhar is-17 ta' Novembru 2010 u dana matul iz-zmien tal-estensjoni kif provdut mir-rikorrenti;

2. Illi wara li ntbaghat dan ir-rapport, l-intimat ma rcieva l-ebda risposta bil-miktub fi zmien disghin jum minn meta

intbaghat ir-rapport tieghu lir-rikorrenti kien qieghed jigi rifjutat u b'hekk ghandu jipprezenta rapport iehor izda sempliciment gie mitlub biex iforni xi dokumenti ulterjuri mar-rapport u ghaldaqstant kif huwa ben stipulat fi klawzola numru II.15.4 tal-ftehim iffirmat bejn il-partijiet:

*"Failing a written reply from the NA within the time limit for scrutiny indicated above, the report shall be deemed to have been approved...";*

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-intimat hekk kif gie mitlub jghaddi kopji ta' dokumenti ohrajn mal-ewwel informa lir-rikorrenti li huwa ma kienx ghadu joqghod Malta u ghaldaqstant ma kellux access ghal kopja fizika tad-dokumenti rikjesti izda huwa infurmahom illi dawn id-dokumenti kien diga` fornihom lir-rikorrenti fl-2008 meta kien gie provdut ir-rapport provizorju u ghaldaqstant infurmahom ukoll illi huwa kien se jghaddilhom il-kopji fizici galadarba jirritorna Malta matul ix-xahar ta' Dicembru 2010, kif fil-fatt ghamel, izda ir-rikorrenti ma wiegbuhx fuq dan il-punt u minflok huma hargu d-*debit note* nhar is-6 ta' Dicembru, 2010;

4. Illi minkejja l-fatt illi fir-rikors guramentat tieghu ir-rikorrenti jghid illi d-*debit note* inharget fuq il-progett finali kollu, dan ma huwiex minnu galadarba id-*debit note* kienet titlob lill-intimat sabiex huwa jirrifondi lura *unutilised funds* meta dawn kienu fil-fatt gew uzati mill-intimat peress illi il-progett kien diga` sehh meta gie ffirmat il-ftehim bejn il-partijiet;

5. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-ammont ta' tmintax-il elf, hames mija u sitta u ghoxrin ewro u sbatax-il centezmu (€18,526.17) ma huwiex dovut mill-intimat *stante* il-fatt illi anke li kieku r-rapport finali ma giex ipprezentat kif mitlub, li f'din is-sitwazzjoni ma kienx il-kaz, dan in-nuqqas ma kienx iwassal sabiex l-ammont li kien diga` gie mhallas mir-rikorrenti jigi ritornat lilu izda li kien jintilef id-dritt ghal hlas tal-bilanc u dana skont it-termini inkluzi fi klawzoli numru 1.4.4. tal-ftehim iffirmat bejn il-partijiet:

*The request for the payment of the balance shall be accompanied by the final technical implementation report and financial statement specified in Article 11.15 A.*

*The NA shall have 90 days to approve or reject the report and to pay the balance in accordance with Article II. 15.4, or to request additional supporting documents or information under the procedure laid down in Article 11.15A...*

6. Illi barra minn hekk, din l-istess klawsola tkompli billi tistipula illi:

*The beneficiary shall have* 30 *days in which to submit additional information or a new report. This additional delay to the beneficiary does not count against the delay foreseen for the approval of the report.*

F'dan il-kaz ir-rikorrenti, meta informa lill-intimat li kien hemm bzonn numru ta' dokumenti ohrajn, ma inghatax

zmien ta' tletin jum sabiex ikun jista' jaghmel dan izda inghata biss ftit granet u immedjatament wara giet mibghuta d-*debit note* imsemmija izjed 'il fuq;

7. Illi ghaldaqstant, fil-mertu t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt *stante* illi ma kien hemm l-ebda ksur tal-ftehim bejn il-Koordinatur Nazzjonali tal-Agenzija Programmi tal-Unjoni Ewropea *stante* illi l-intimat Steven Attard ezegwixxa l-obbligi kollha skont il-ftehim u dana kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza.

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat il-verbali tas-seduti kollha inkluz dak tat-Tlieta, 8 ta' Mejju 2018 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Dr Sacco infurmat IiIl-Qorti li kull ma fadlilha hu li tiehu konjizzjoni tax-xhieda ta' Stephen Attard, u d-difensuri qablu li l-kawza tigi differita ghas-sentenza *in difetto ostacolo* bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw in-noti ta' osservazzjonijiet taghhom. Il-kawza giet differita ghas-sentenza *in difett' ostacolo* ghat-30 ta' Ottubru 2018 fid-9:30a.m. b'dan illi r-rikorrent ikollu sal-15 ta' Lulju 2018 sabiex jipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet tieghu u l-konvenut ikollu sal-15 ta' Settembru 2018.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Koordinatur Nazzjonali tal-Agenzija Programmi tal-Unjoni Ewropea datata 13 ta' Lulju 2018.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut datata l-14 ta' Settembru 2018 a fol 162 tal-process.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Permezz ta' din il-kawza, il-Koordinatur Nazzjonali tal-Agenzija Programmi tal-Unjoni Ewropea qed jipprocedi kontra l-intimat ghall-ksur ta' ftehim iffirmat bejn il-partijiet, u konsegwentement qed jintalab li l-intimat ihallas is-somma ta' (€18,526.17) rapprezentanti r-rifuzjoni tas-somma avvanzata lill-intimat. L-intimat laqa' billi sostna li kienet l-Agenzija li ma osservatx il-kalwsoli tal-ftehim, u kwindi l-ammont ta' €18,526.17 mhuwiex dovut . B'hekk gie sostnut li t-talba fil-mertu hija infondata fil-fatt u fid-dritt billi l-intimat esegwixxa l-obbligi imposti fuqu bil-ftehim premess.

**<u>Fatti:</u>**

Jirrizulta mill-atti li fis-6 ta' Marzu 2008 gie iffirmat ftehim taht il-Programm Youth in Action bejn il-European Union Programme Agency[1], hawnhekk riferuta bhala l-Agenzija, u l-konvenut in rapprezentanza tal-Europe Experience Malta, rapprezentata minn Steve Attard bhala Direttur,

---

[1] L-Agenzija Programmi Unjoni Ewropea hi stabbilita b'ligi (ara European Union Programmes Agency Regulations – Avviz Legali 128 tal-2007 Ligi Sussidjarja 327.316).

liema ftehim jinsab esebit bhala Dok B mar-rikors promotur. Illi skont l-istess ftehim, l-intimat kellu jissottometti rapport finali marbut mal-progett. Illi qed jigi sostnut mill-Agenzija Nazzjonali li *nonostante* estensjonijiet ir-rapport finali ma giex ipprezentat fit-terminu rikjest. Illi peress li l-intimat baqa' inadempjenti l-Agenzija ipprocediet bil-kaz odjern. Jirrizulta wkoll li precedentement ghal dan il-kaz, kien gie istitwit kaz iehor premezz ta' rikors istitwit minn Steven Attard fit-termini tal-**Artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** (Rikors numru 146/2014AE), fejn gie deciz li t-talba bl-ittra ufficjali datata 31 ta' Jannar 2014 *ai termini* tal-artikolu 466 hija infondata (s-sentenza datata 28 ta' Lulju 2014, tinsab esebita bhala Dok A mar-rikors promotur).

**<u>Provi:</u>**

**Marvic Debono** xehdet permezz ta' affidavit (fol 44-45) qalet li hi Programm Manager mal-'EUPA' u ilha f'din il-kariga mill-10 ta' Novembru 2011, u dwar il-kaz tal-intimat qalet li hu ma ssottomettiex ir-rapport finali tal-progett. Spjegat li matul l-2010, kien hemm l-obbligu li jinghalqu l-progetti maghzula ghall-fondi fl-2007. Semmiet li l-ahhar avviz kien intbaghat lill-intimat fis-26 ta' Ottubru 2010 fejn il-beneficcjarju gie mgharraf li kellu sal-10 ta' Novembru biex jissottometti r-rapport, u fis-27 ta' Ottubru 2010 l-intimat baghat *email* biex jinforma li hu kien qed jirrisjedi fl-Irlanda. Qalet li l-intimat rega'; gie mfakkar fl-artikolu 1.5 tal-ftehim iffirmat bejn l-Agenzija u l-beneficcjarju. Qalet li finalment peress li l-intimat kien ghadu ma baghatx ir-rapport sal-11 ta' Novembru 2010 inghata estensjoni ohra

sas-17 ta' Novembru 2010, u f'dik id-data l-intimat baghat ir-rapport permezz ta' email, izda r-rapport ma kienx fih id-dokumenti kollha. B'hekk qalet li fis-6 ta' Dicembru 2010, l-Agenzija kellha tohrog avviz biex jithallas l-ammont ta' €18,526.17. Ziedet tghid li kien fis-6 ta' Mejju 2011 li rceviet ir-rapport minghand Steven Attard, izda kien wasal tard wisq.

**Marvic Anne Debono in kontro-ezami** xehdet qalet li hi kienet tahdem ma' l-Agenzija sa mill-2008, meta kienet *project officer*, u fl-10 ta' Novembru 2011 bdiet bhala *program manager*. Qalet li meta gie ffirmat il-ftehim mal-intimat ma kinitx ghadha fl-agenzija. Ikkonfermat li hemm emails bejn il-beneficcjarji u l-agenzija skont dak dokumentat. Qalet li l-*progress report* kien gie sottomess mill-intimat. Qalet ukoll li ghalhekk inghataw zewg pagamenti. Qalet li r-rapport finali kien sottomess fil-bidu tal-2011, li kien tard wisq ghall-agenzija. Mistoqsija jekk hemmx korrispondenza bil-miktub li tghid li r-rapport ma giex accettat, qalet li hemm *email* mill-ufficjal ta' dak iz-zmien fejn gie infurmat li kien hemm affarijiet neqsin fir-rapport. Dwar id-*debit note* ta' €18,526 qalet, li jekk ma jkunx hemm bizzejjed provi li l-progett ma sarx, u dak hu *standard text* tal-agenzija, u jridu jigu ritornati l-flus kollha bhala 'unutilized funds' ghax ma tkunx tajt bizzejjed provi li l-progett sar. Spjegat li bhala Agenzija kellhom kuntratt mal-Kummsisjoni Ewropea u kellhom l-obbligu jaraw li l-progetti tal-2007 ikunu jridu jaghlqu fl-2010. U ladarba l-intimat ma kienx ta r-rapport finali l-konsegwenza kienet id-*debit note* jew ir-*recovery note*. Skont il-kuntratt l-intimat kellu jaghti kollox sal-2008. Mill-2008 sal-2010 fil-*file* ma sabitx korrispondenza fejn gie mitlub ir-rapport. Spjegat li

ghalhekk, l-estensjoni msemmija fil-kuntratt tieghu sal-2010 kienet tapplika izda, hu ssottomettieh fl-2011 meta kienu diga ghalqu rapport taghhom mal-Kummissjoni Ewropea fil-fatt kienu rripartowh bhala 'recovery order'.

**Steven Attard** xehed permezz ta' affidavit (fol 85-87) u qal li hu kien Direttur ta' organizzazzjoni non governattiva, u kienu organizzaw "Exchange visit project". Qal li kien issottometta l-applikazzjoni ghal dan fi Frar 2007. Sussegwentement kien ircieva korrispondenza b'email, Dok SA1 u SA2 fejn infurmawh li kien intaghzel, u beda bil-preparattivi a spejjez tieghu ghalkemm ma kienx ghadu ffirma il-kuntratt. Semma li fl-1 ta' Gunju 2008 rcieva s-somma ta' €18,000 meta s-somma globali kienet ta' €31,000. Spjega li fl-24 ta' Gunju 2010 talbuh rapport tramite *email* Dok A, u hu ssottometta r-rapport fis-17 ta' Novembru 2010. Qal li qatt ma gie nfurmat li r-rapport kien rifjutat izda gie rikjest biex jipprovdi aktar dokumenti. Qal li dak iz-zmien ma kienx qed jirrisjedi Malta izda l-Irlanda, u infurmahom li ma kellux kopja ohra x'jaghaddilhom. In segwitu, qal li kien ircieva *debit note* fejn gie mitlub ihallas l-ammont ta' (€12,500.18). Zied ighid li skont it-termini u l-kondizzjonijiet tal-kuntratt li hu kien iffirma, kellu jissottometti r-rapport biex jircievi l-"grant" izda ma kienx hemm indikat li hu jkollu jhallas u jirrifondi l-ammont li kien gie mhallas mill-Agenzija, u qal li hu xorta wahda kien issottometta r-rapport finali.

**Steven Attard** bil-procedura tal-Iskype xehed u qal li sal-2008 kien ghadu jirrisjedi Malta. Hu kkonferma li ma pprezentax ir-rapport fi zmien xahrejn kif mistenni, ha l-ammont ta' €18,000, u kellu estensjonijiet mill-EUPA.

Mistoqsi jekk fid-29 ta' Novembru 2010 rceviex korrispondenza li tghid li kienu rcevew ir-rapport izda li kienu rikjesti aktar affarijiet, qal li iva. Mistoqsi wkoll dwar Dok XYZ, fejn hemm indikat li hu xorta pprezenta r-rapport tieghu b'dokumenti neqsin, qal li ma jiftakarx li ra dan id-dokument u li x'aktarx kien qed jirrisjedi barra f'dak iz-zmien ukoll. Mistoqsi hu qattx hallas l-ammont ta' €18,000, qal li le. Qal li l-ftehim kien sar wara l-progett, u l-pagamenti rcevihom wara l-progett u kkonferma li kien gie infurmat li l-flus kienu ser jigu tard u kwalunkwe spejjez lejn il-progett kienu a riskju tieghu.

**<u>Kunsiderazzjonijiet ta' Dritt:</u>**

Illi f'materja kontrattwali il-ftehim hu ligi ghall-partijiet kontraenti (Art. 992(1) Kodici Civili; ara **"Carmelo Bajada noe vs Fr. S. Cachia et noe"** (A.K. deciza fis-16 ta' Lulju 1973).

Illi huwa assodat li l-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. (*Pacta sunt servanda*); (**"Gloria mart Jonathan Beacon et vs L-Arkitett u Ngineer Civili Anthony Spiteri Staines" –** App Civ. Deciza fil-5 ta' Ottubru 1998); minkejja l-konsegwenzi iebsa li jistghu jinsiltu minnha fil-prattika.

L-**artikolu 993 tal-Kap 16** jiddisponi:

"*Il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skont ix-xorta taghha, bl-ekwita`, bl-uzu jew bil-ligi".*

Konsegwentement, japplika l-principju li ladarba bejn il-partijiet hemm ftehim li jirregola r-relazzjonijiet ta' bejniethom, hu prezunt li qabel ma ffirmaw dak il-ftehim qiesu c-cirkustanzi tal-kaz u l-interessi taghhom u allura darba ffirmaw il-kuntratt, huwa dak il-kuntratt li jissanzjona ir-relazzjonijiet ta' bejn il-kontendenti, u mhux xi principju iehor, anchorche` bazat fuq l-ekwita`. Il-principju tar-rispett ghall-volonta` tal-partijiet huwa wiehed fondamentali u dak li ftehmu fuqu l-partijiet ghandu l-forza ta' ligi ghalihom (l-**Artikolu 992 tal-Kodici Civili**), u l-Qorti m'ghandhiex tuza d-diskrezzjoni taghha biex tissostitwixxi ghal dak li ftehmu l-partijiet il-volonta` taghha.

Fil-materja ta' interpretazzjoni ta' kuntratt, ir-regola fundamentali hija dettata mill-**Artikolu 1002 tal-Kodici Civili**, li jghid li meta l-kliem tal-kuntratt mehud fis-sens li ghandu skont l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt hu car m'hemmx lok ghal interpretazzjoni (**Ara sentenza rapportata f'Vol.XXXIV.i.p27**, u "**Stanislao Cassar et vs Chevalier Antonio Cassar"** deciza fil-15 ta' Dicembru 1995 **Kollezz LXXXIX.ii.704 u**, **"Improve Design Ltd. vs Ray's Car Hire Ltd. et "** P.A. deciza fis- 6 ta; Dicembru 2012).

F'dan l-istess kaz, kompla jinghad:

*"Hu biss meta s-sens tal-kliem ma jaqbilx ma' dak li kellhom fi hsiebhom il-partijiet kollha kif ikun jidher mill-pattijiet mehudin kollha flimkien, li ghandha tghodd l-intenzjoni tal-partijiet.* ***(Artikolu 1003 tal-Kap 16).***"

**It-talba odjerna:**

Illi t-talba kif dedotta, qed jigi ritenut li l-intimat huwa responsabbli ghall-ksur ta' ftehim kontrattwali, kwindi qed jigi mitlub jirrifondi lir-rikorrenti l-ammont ta' €18,526.17.

**<u>Il-Ftehim bejn il-partijiet:</u>**

Kif gie riassunt minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fuq riferita:

"*Il-kwistjoni li nqalghet hi li r-rikorrent naqas milli jipprezenta r-rapport finali bil-mod li kien jitlob il-kuntratt. B'ittra datata 19 ta' Ottubru 2010 l-Agenzija nfurmat lir-rikorrent li kienet ghadha ma rcevitx ir-rapport finali. Fiha jinghad li kien qieghed jinghata sal-25 ta' Ottubru 2010 sabiex jipprezenta r-rapport finali. Imbaghad b'email datata 28 ta' Ottubru 2010 ir-rikorrent gie nfurmat li: "…. Failure to fulfil your obligations under Article 1.5 – Submit the final Report and other documents and Article II –Termination of the Agreement, results in the total recovery of the advance* payment for this project". *Sussegwentement b'ittra tas-26 ta' Ottubru 2010 inghata sal-10 ta' Novembru 2010 sabiex jipprezenta r-rapport, filwaqt li b'email datata 11 ta'* Novembru 2010 inghata sas-17 ta' Novembru 2010."

L-**artiklu 1.5 tal-Ftehim** jitkellem dwar is-sottomissjoni ta' rapport u dokumenti u jghid hekk:

*"Reference to the provisions relating to the submission of the technical implementation reports, financial statements and other documents referred to in Article 1.4 is made in Annex II.*

*The technical and financial implementation reports and other documents referred to in Article 1.4 must be submitted by the following deadlines:*

*- For EVS projects lasting from 6 to 24 months, a detailed statement of the costs incurred must be submitted within one month following the date when the utilization of pre-financing reaches the level specified in Article1.4.2*

*- final report: within two months following the date for ending the action set out in Article 1.2.2".*

L-istess ftehim bejn il-partijiet jistipula l-effetti tat-terminazzjoni tal-ftehim f'Annex II.ii.4:

*"In the event of termination, payments by the NA shall be limited to the eligible costs actually incurred by the beneficiary up to the date when termination takes effect, in accordance with Article II.17. costs relating to current commitments that are not due to be executed until after termination shall not be taken into account. The beneficiary shall have 60 days from the date when termination takes effect, as notified by the NA, to produce a request for final payment in accordance with Article II.15.4.*

*If no request for final payment is received within this time limit, the NA shall not reimburse the expenditure incurred by the beneficiary up to the date of termination and it shall recover any amount if its use is not substantiated by the technical implementation reports and financial statements approved by the NA.*

*By way of exception, at the end of the period of notice referred to in paragraph 3, where the NA is terminating the agreement on the grounds that the beneficiary has failed to produce the final technical implementation report and financial statement within the deadline stipulated in Article 1.5 and the beneficiary has still not complied with this obligation within two months following the written reminder sent by the NA by registered letter with advice of delivery or equivalent, the NA shall not reimburse the expenditure incurred by the beneficiary up to the date on which the action ended and **it shall recover any amount if its use*** **is not substantiated by the technical implementation reports and financial statements approved by the NA**."

Illi m'hemmx qbil bejn il-partijiet li l-kuntratt kien jipprovdi ghal rifuzjoni tal-ammont ricevut ghan-nefqa u l-ispiza tal-progett. Fil-fatt, l-intimat qed jikkontendi li l-kuntratt kien jipprovdi li kellu jigi sosttomess ir-rapport sabiex jircievi l-"grant", izda ma kienx hemm provvdut li kellu jhallas lura l-ammont li kien gie mhallas mill-Agenzija jekk ir-rapport ma jigix ipprezentat fit-terminu stipulat fl-istess ftehim.

Madankollu, minn qari tal-klawsola f'Annex II.ii.4 tal-kuntratt imsemmija hawn fuq, jirrizulta li hemm precizament stipulat li l-Agenzija ghad trid tirkupra l-ammonti jekk l-uzu

taghhom ma jkunx sostanzjat bir-rapporti teknici u l-i*statements* finanzjarji kif approvati. Illi huwa minnu li taht il-klawsola li tipprovdi ghas-sottomissjoni ta' rapport m'hemmx indikat dan, izda l-ftehim irid jinqara *in toto*, *stante* li dan huwa provvdut bil-miktub aktar 'il quddiem taht l-Annex II.ii.4.

Mix-xhieda ta' Marvic Anne Debono, Program Manager tal-Agenzija rikorrenti rrizulta li r-rapport finali bil-firem kif rikjest u bid-dokumenti addizzjonali kif rikjest, kien sottomess fil-bidu tal-2011. F'dan il-kuntest, tajjeb li ssir referenza ghall-*email* datata 29 ta' Novembru 2010, Dok XYZ, li ntbaghtet lill-intimat fejn infurmatu li kien hemm affarijiet neqsin fir-rapport li ssottometta. Jirrizulta wkoll li sussegwentement, intbaghtet 'debit note' u /jew 'recovery note' lill-intimat.

L-intimat ilmenta *tramite* s-sitt eccezzjoni, li huwa ma nghata l-ebda estensjoni kif kien hemm indikat f'Annex II.15.4 fil-ftehim. Dan l-istess ilment jinsab rifless fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, fejn sostna li hu kellu jinghata estensjoni ta' tletin jum u mhux ta' ftit jiem kif fil-fatt inghata. Izda, l-*email* datata 29 ta' Novembru 2010, Dok XYZ tindika b'mod car li kienet ser tinghata estensjoni ohra lill-intimat, sat-3 ta' Dicembru 2010. Marvic Debono fl-affidavit taghha xehdet li l-Manager tal-Agenzija kien fakkar lill-intimat fl-obbligu tieghu li jissottometti r-rapport tekniku skont l-artikolu 1.5 tal-Ftehim, u meta fil-11 ta' Novembru 2010, l-intimat kien ghadu ma baghatx ir-rapport inghata estensjoni ohra ghas-17 ta' Novembru 2010. Minkejja l-estensjonijiet moghtija, l-intimat ghall-motivi, spjegati minnu lill-Agenzija, partikolarment ghax kien jirrisjedi barra minn

Malta dak iz-zmien ma rnexxilux jipprezenta r-rapport komplut fit-terminu moghti lilu permezz ta' din l-email. Illi kif jindika l-istess kuntratt B esebit mar-rikors promotur, iffirmat bejn il-partijiet, ir-rapport sottomess minn Steven Attard kellu jkun approvat. Illi meta l-intimat ircieva l-*email* Dok XYZ li nfurmatu li kien jonqos aktar dokumenti u aktar firem tal-partecipanti, in segwitu ghas-sottomissjoni tar-rapport tieghu, l-*email* kienet qed turi evidentement li r-rapport ghadu mhux approvat ladarba kienu qed jigu rikjesti dokumenti ohrajn. L-intimat Steven Attard fix-xhieda tieghu in kontro-ezami qal li ma jiftakarx li ra dan id-dokument. Rigward it-terminu ta' zmien ghall-estensjoni citat fl-istess sitt eccezzjoni, jigi osservat, li t-terminu ta' tletin jum indikat fl-istess eccezzjoni huwa mehud mill-klawsoli relatati ma' *Payment of Balance* fil-ftehim u mhux mal-klawsoli specifici dwar ir-rapport finali, u cioe` il-klawsola 1.5 tal-ftehim, Dok B.

Ghalhekk, tichad is-sitt eccezzjoni tal-intimat.

Jigi dedott, li mill-fatti u mir-rizultanzi tal-atti tal-kaz, jirrizulta ampjament car li kien fis-6 ta' Mejju 2011 li l-intimat, ipprezenta r-rapport bil-firem kif rikjest. Izda, kif xehdet Marvic Anne Debono, meta gie pprezentat ir-rapport f'Mejju 2011 kien tard wisq, kien evidentement aktar tard mill-estensjoni moghtija fl-*email* Dok XYZ. Ghalhekk, din il-Qorti ma taqbilx ma dak sostnut mill-intimat fl-ewwel eccezzjoni li hu kien ipprezenta r-rapport finali nhar is-17 ta' Novembru 2010, ghar-ragunijiet diga spjegati.

Dwar l-ilment tal-intimat li in segwitu ghall-prezentata tar-rapport tieghu, hu ma rceviex risposta bil-miktub, li jghid li r-rapport gie rifjutat, jinghad li meta l-intimat ircieva l-*email* Dok XYZ li infurmatu dwar nuqqas ta’ firem u nuqqas ta’ dokumenti, kellu jkun ben konsapevoli li r-rapport kien ghadu mhux approvat, kwindi jrid jigi sottomess b’dak rikjest fl-*email* Dok XYZ. Illi l-intimat rega’ ssoleva dan il-punt fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu, fejn insista li l-karenza tar-rifjut li baqghet ma ntbaghtitx lilu, jimplika li ma kienx ghad hemm terminazzjoni tal-ftehim kontrattwali. Madankollu, dan l-argument ma jregix, ghaliex ladarba kien notifikat li kien ghad jonqos dokumenti u firem, kif rikjesti x’jipproduci, b’mod li l-approvazzjoni tal-progett tiddependi pjenament minn dak li kien qed jigi rikjest minnu. Ghalhekk, ma kienx hemm bzonn tal-kelma specifika li r-rapport gie rifjutat. Did-dawl tas-suespost, dak sottolineat fin-nota ta’ sottomissjonijiet tal-intimat, li kienet l-Agenzjia li naqset milli tonora l-obbligi taghha billi ma rrifjutatax ir-rapport u ma nbdietx procedura ghat-terminazzjoni, ma jregix.

Ghaldaqstant, tichad ukoll l-ewwel eccezzjoni u t-tieni eccezzjonijiet tal-intimat.

Referibbilment ghal dak sostnut fit-tielet eccezzjoni tal-intimat, li huwa kien qed jirrisjedi barra minn Malta, u ma kellux a dispozizzjoni tieghu kopja fizika ghad-dokumenti rikjesti, jigi osservat, li kien hemm l-estensjoni li nghatat da parti tal-Agenzija proprju ghal dan il-ghan, li hu ma kienx qed jirrisjedi hawn Malta. Rigward dak sostnut fin-nota ta’ sottomissjonijiet konklussiva tal-intimat, fejn fil-paragrafu 6 sostna li r-rapport finali gie sottomess fil-hin, izda xi

dokumenti li kienu diga esebiti kienu intilfu mill-Agenzija stess, dan mhuwiex bl-ebda mod ippruvat, u ma jirrizultax mill-atti tal-kaz. Inoltre`, dak sostnut fin-nota ta' sottomissjonijiet, hu kunfliggenti mal-argumenti l-ohra u mal-eccezzjonijiet tal-intimat, *stante* li dak eccepit juri evidentement li minhabba li l-intimat kien qed jirrisjedi barra minn Malta, kien qed jehtieg u jippretendi aktar zmien sabiex jipprezenta d-dokumenti rikjesti mill-Agenzija. Ghalhekk, it-tielet eccezzjoni mhux ser tintlaqa'.

Rigward dak eccepit fir-raba' eccezzjoni tal-intimat, u dak sottomess fin-nota ta' sottomissjonijiet, li l-progett kien diga sehh peress li l-fondi kienu diga ntuzaw, din il-Qorti tirreferi ghad-dokumenti esebiti mill-intimat, Dok SA4, kopja tal-programm tal-progett li saru bejn is-17 ta' Frar 2007 u s-6 ta' Jannar 2008, ma jirrizultax li l-progett li l-intimat kien diga sar. *Di piu`*, li kieku ghall-grazzja tal-argument, kien diga sehh il-progett ir-rikorrenti ma kienx ikollha l-bzonn li tibghat l-*email* u tikkorispondi mal-intimat fl-2010 sabiex jigi sottomess ir-rapport finali biex ikun jista' jigi approvat u tinghata l-'grant'. Inoltre`, minn Dok SA7 *emails* esebiti mibghuta bejn it-12 ta' Frar 2008 sad-9 ta' April 2008 juru li kienu saru hlasijiet ghal akkomodazzjoni ghal partecipanti tal-progett, li juru li kien hemm fondi allokati lill-intimat f'zewg pagamenti. Illi *del resto*, l-intimat ma cahadx li huwa rcieva l-ammont li qed jigi mitlub fir-rikors odjern, izda qed ighid li dawk nefaqhom ghall-progett. Huwa inkontestat il-fatt li l-intimat nefaq il-fondi ghall-progett. Izda, l-pern tal-vertenza odjerna mhijiex dik, izda jekk kienx hemm ksur ta' obbligazzjoni kontrattwali da parti tar-rikorrent, skont dak stipulat fil-kuntratt esebit bhala Dok B. Ghalhekk, il-Qorti trid tistabbilixxi jekk kienx hemm ksur tal-obbligi

kontrattwali da parti tal-intimat fil-konfront tal-Agenzija rikorrenti, partikolarment ghal dak stipulat dwar il-prezentazzjoni tar-rapport finali li kien jinkombi fuq l-intimat.

Skont l-artikolu 1.5 tal-Ftehim, kif sucitat, ir-rapport finali kellu jigi pprezentat fi zmien xahrejn mid-data imsemmija fi klawsola 1.2.2 tal-ftehim, liema data indikata hi l-1 ta' Marzu 2008, kwindi, meta gie pprezentat ir-rapport finali mill-intimat f'Novembru 2010, kien ghadda perjodu ta' zmien ferm itwal mix-xahrejn stipulati fl-istess kuntratt iffirmat bejn il-partijiet. Ghalhekk, il-klawsola citata fil-hames eccezzjoni, fejn hemm indikat li jrid jinghata terminu ta' disghin gurnata biex jigi approvat jew rifjutat ir-rapport, ma jregix, anke ghaliex dak citat jitratta specifikament *"Payment of Balance*" u mhux ir-rapport finali li huwa l-pern tal-vertenza in ezami.

Ghaldaqstant, tichad ir-raba', l-hames u s-seba' eccezzjoni tal-intimat.

## III. KONKLUZJONI

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta'** u **tiddeciedi** billi tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat ghar-ragunijiet spjegati, u tilqa' t-talba tal-Koordinatur Nazzjonali tal-Agenzija Programmi tal-Unjoni Ewropea billi tiddikjara u tiddeciedi li l-intimat huwa responsabbli ghall-ksur tal-Ftehim mertu ta' din il-kawza u ghalhekk tikkundanna lill-intimat ihallas is-somma dovuta lir-rikorrenti u cioe` s-somma ta' tmintax-il elf, hames mija u sitta u ghoxrin ewro u sbatax-il centezmu (€18,526.17).

**L-ispejjez jithallsu mill-intimat.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**30 ta' Ottubru 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Ottubru 2018**